MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1241/2011

**Blue Media Marketing Limited (C39186)**

***kontra***

**Friends For Entertainment Limited (C37788)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fil-15 ta` Dicembru 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` kummercjali Blue Media Marketing Limited ipprezentat servizzi in konnessjoni ma` reklamar lis-socjeta` konvenuta skond lista ta` fatturi hawn annessa u mmarkata Dok. 'A' kif ukoll skond kopji ta`*

*fatturi hawn annessi u mmarkati minn Dok. 'B' sa Dok. 'S' kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza;*

*2. Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta` tmintax-il elf tnejn u sebghin Euro tmienja u sittin centezmu (€18,072.68) u dan skond l-istess dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A' sa Dok. 'S';*

*3. Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata, biex thallas, baqghet inadempjenti;*

*4. Illi Christopher Mifsud huwa direttur tas-socjeta` attrici u jaf b`dawn il-fatti personalment;*

*5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` Blue Media Marketing Limited titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni:*

*1. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a tenur ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` tmintax-il elf tnejn u sebghin Euro tmienja u sittin centezmu (€18,072.68), rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici, skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok. 'A' sa Dok. 'S'.*

*Bl-ispejjez, tal-prezenti, dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet mid-data ta` l-istess fatturi, kontra s-socjeta` konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum il-Hamis 10 ta` Mejju 2012 fid-9.00 a.m., il-kumpannija konvenuta ma dehritx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont minnha dovut ta’ tmintax-il elf tnejn u sebghin Euro tmienja u sittin centezmu (€18,072.68), rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi rezi mill-kumpannija attrici.**

**3. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet mid-data ta` l-istess fatturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------